MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 436/2014

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewwgu fl- 14 ta' Settembru, 1975 skont l-anness certifikat taz-zwieg bin-numru 2171/1975 (Dok. A) u minn dan iz-zwieg tfal kien hemm imma llum kollha maggorenni u mhumiex jistudjaw fi grad terzjarju.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati skont l-anness Dokument B li huwa fl-Atti tan-Nutar Dr. Maurice Gambin tal-14 ta' Mejju, 1991.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-posizzjoni verament prekarja tal-finanzi tar-ragel u inutli li ssir insistenza ghalih.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; b'dan li r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha ta' "PISANI";

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bix-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Ottubru, 2014;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta, izda iddikjara lill-Qorti illi huwa ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promoter;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Mejju 1991 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Il-Qorti qeghda tilqa ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha o;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa it-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha Pisani u qeghda tilqa ukoll it-talbiet l-ohra tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u

tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------